# PROTOKOLL
# LI JEMENDA L-PROTOKOLL DWAR ID-DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI ANNESS MAT-TRATTAT DWAR L-UNJONI EWROPEA, MAT-TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-UNJONI EWROPEA U MAT-TRATTAT LI JISTABBILIXXI L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TAL-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TAL-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U TAL-IRLANDA TA' FUQ,

minn hawn 'il quddiem "IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA",

BILLI, ladarba t-Trattat ta' Lisbona daħal fis-seħħ wara l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-4 sas-7 ta' Ġunju 2009, u kif previst bid-dikjarazzjoni adottata mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu tal-11 u t-12 ta' Diċembru 2008 u bil-ftehim politiku li ntlaħaq mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2009, jinħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet transitorji dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew sal-aħħar tal-leġislatura 2009-2014,

BILLI dawn id-dispożizzjonijiet transitorji għandhom jippermettu lil dawk l-Istati Membri, li n-numru tagħhom ta’ membri tal-Parlament Ewropew kien ikun akbar kieku t-Trattat ta' Lisbona kien fis-seħħ meta saru l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ta' Ġunju 2009, ikollhom in-numru xieraq ta' siġġijiet addizzjonali u jimlewhom,

B'KONT MEĦUD tan-numru ta' siġġijiet ta' kull Stat Membru kif kien previst fl-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew approvat politikament mill-Parlament Ewropew fil-11 ta' Ottubru 2007 u mill-Kunsill Ewropew (Dikjarazzjoni Nru 5 annessa mal-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adottat it-Trattat ta’ Lisbona) u b'kont meħud tad-Dikjarazzjoni Nru 4 annessa mal-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Lisbona,

BILLI jinħtieġ li, għall-perijodu li fadal bejn id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll u t-tmiem tal-leġislatura 20092014, jinħolqu t-18-il siġġu addizzjonali previsti għall-Istati Membri kkonċernati bil-ftehim politiku li ntlaħaq mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2009,

BILLI, sabiex isir dan, jinħtieġ li jkun permess, provviżorjament, li n-numru massimu ta' membri jaqbeż, rispettivament, in-numru ta' membri għal kull Stat Membru u n-numru massimu ta' membri previsti kemm fit-Trattati fis-seħħ fil-mument tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ta' Ġunju 2009 kif ukoll fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif emendat bit-Trattat ta' Lisbona,

BILLI jinħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti l-arranġamenti dettaljati sabiex l-Istati Membri kkonċernati jimlew is-siġġijiet addizzjonali maħluqa provviżorjament,

BILLI, fir-rigward ta' dispożizzjonijiet transitorji, jinħtieġ li jiġi emendat il-Protokoll dwar id-dispożizzjonijiet transitorji anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

FTIEHMU DWAR ID-DISPOŻIZZJONIJIET LI ĠEJJIN,

ARTIKOLU 1

L-Artikolu 2 tal-Protokoll dwar id-dispożizzjonijiet transitorji anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ARTIKOLU 2

1. Għall-perijodu tal-leġislatura 2009-2014 li jkun jifdal fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Artikolu, u b'deroga mill-Artikoli 189, it-tieni subparagrafu, u 190(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u mill-Artikoli 107, it-tieni subparagrafu, u 108(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, li kienu fis-seħħ meta saru l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew f'Ġunju 2009, u b'deroga min-numru ta' siġġijiet previsti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-18-il siġġu li ġejjin għandhom jiżdiedu mas-736 siġġu eżistenti, sabiex b'hekk in-numru totali ta' membri tal-Parlament Ewropew isir provviżorjament 754 sat-tmiem tal-leġislatura 2009-2014:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Bulgarija | 1 | Olanda | 1 |
| Spanja | 4 | Awstrija | 2 |
| Franza | 2 | Polonja | 1 |
| Italja | 1 | Slovenja | 1 |
| Latvja | 1 | Svezja | 2 |
| Malta | 1 | Renju Unit | 1 |

2. B'deroga għall-Artikolu 14(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jaħtru l-persuni li ser jimlew is-siġġijiet addizzjonali msemmijin fil-paragrafu 1, f'konformità mal-leġislazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati u sakemm il-persuni kkonċernati jkunu ġew eletti b'vot dirett universali:

   (a) f'elezzjonijiet *ad hoc* b'vot dirett universali fl-Istat Membru kkonċernat, f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew; jew

   (b) b'referenza għar-riżultati tal-elezzjonijet tal-Parlament Ewropew tal-4 sas-7 ta' Ġunju 2009; jew

   (c) b'ħatra mill-Parlament nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, minn fost il-membri tiegħu, tan-numru meħtieġ ta' membri, skont il-proċedura stabbilita minn kull wieħed minn dawk l-Istati Membri.

3. Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew fi żmien opportun qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2014.".

## ARTIKOLU 2

Dan il-Protokoll għandu jiġi ratifikat mill-Partijiet Kontraenti Għolja, skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom. L-istrumenti ta' ratifika għandhom jiġu depożitati mal-Gvern tar-Repubblika Taljana.

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ, jekk ikun possibbli, fl-1 ta' Diċembru 2010, bil-kondizzjoni li jkunu ġew depożitati l-istrumenti ta' ratifika kollha, jew, fin-nuqqas ta' dan, fl-ewwel jum tax-xahar wara d-depożitu ta' l-istrument ta' ratifika mill-Istat firmatarju li jieħu dan il-pass l-aħħar.

ARTIKOLU 3

Dan il-Protokoll, imfassal f'oriġinal wieħed bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana u Ungeriża, bit-test ta' kull waħda ugwalment awtentiku, għandu jiġi depożitat fl-arkivji tal-Gvern tar-Repubblika Taljana, li għandu jibgħat kopja ċertifikata lil kull wieħed mill-gvernijiet tal-Istati firmatarji l-oħra.

B’XHIEDA TA’ DAN, il-Plenipotenzjarji sottoskritti ffirmaw dan il-Protokoll.